**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 43/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**
**vs**
**Jesmond Portelli**

**Illum 30 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jesmond Portelli ta' 43 sena bin Edward u Maria Stella xebba Borg, imwieled il-Pieta' nhar l-20 ta' Gunju, 1973, residenti Blk. B4, Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' 286473M;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Dicembru, 2016, ghall-habta tat-3:30 ta' fil-ghodu, gewwa 'Gianpula Complex', Triq il-Gianpula, limiti ta' Haz-Zebbug, Malta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rudolph Gatt, u dan skkont ma ccertifikat Dr. Charmaine Cremona MD (Reg. No. 3222) mic-Centru tas-Sahha Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rebecca Borg skond kif iccertifikat Dr. Charmaine Cremona MD (Reg. No. 3222) mic-Centru tas-Sahha Floriana u dan bi ksur tal-Artikoli 215 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg il'barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rudolph Gatt u Rebecca Borg u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 23 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, current incident report, stqarrija datata 20 ta' Dicembru, 2016, nota ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, certifikat medikum mmarkat bhala Dok EM5 u certifikat mediku mmarkat bhala Dok EM6.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 25 ta' Jannar, 2017 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rudolph Gatt jghid li fl-4 ta' Dicembru, 2016 hu flimkien mat-tfajla u grupp ta' hbieb marru Gianpula. Matul il-lejl huwa nnota li certu mara li hu ma jafx min hi marret tkellem lill-kollega tat-tfajla tieghu Rebecca Borg li jisimha Lorraine. Innota wkoll li mar ikellem lil din Lorraine certu ragel li wkoll ma kienx jaf min hu. Lejn l-ahhar tas-serata meta Rudolph kien qed jizfen mat-tfajla tieghu, l-imputat Jesmond Portelli ta daqqa ta' ponn lil Rudolph Gatt f'imniehru. Apparti li ta daqqa ta' ponn lil Rudolph Gatt, anke t-tfajla tieghu Rebecca Borg sofriet xi griehi. Rudolph Gatt u Rebecca Borg marru jaghmlu rapport l-ghassa u minn hemm saru jafu li r-ragel li kien aggredihom kien Jesmond Portelli li kien ir-ragel ta' Lorraine. Mic-certifikat mediku esebit a fol 36 tal-process, irrizulta li Rudolph Gatt sofra minn ksur f'imniehru.

WPS 145 Graziella Zammit tghid illi fl-4 ta' Dicembru, 2016 gew jirraportaw l-Ghassa tar-Rabat, Rudolph Gatt u Rebecca Borg li gew aggrediti minn Jesmond Portelli.

Rebecca Borg tikkonferma li fl-4 ta' Dicembru, 2016 hi u l-gharus taghha Rudolph Gatt flimkien ma grupp hbieb marru sa Gianpula. Tikkonferma wkoll li matul il-lejl, gew ikellmu lill-kollega taghha Lorraine, mara u ragel u li wara li kienu kelmuha, Lorraine infurmat lil Rebecca li r-ragel kien ir-ragel taghha u l-mara kienet ohtu. Hija tkompli tghid li lejn l-ahhar tal-lejl, minghajr ma rat lil hadd riesaq lejha, qalghet daqqa ta' ponn go mohha u kif qamet mid-daqqa rat l-istess ragel jaghti lill-gharus taghha Rudolph Gatt.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement ippruvati, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra li ssibu hati taghhom.

Il-Qorti rat li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijet fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri u cioe' fl-ewwel opportunita' mghotija lilu u ghalhekk din il-Qorti qed tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt meta giet biex tinfliggi l-piena.

**Decide:**

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 215, 221(1), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu, izda ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, l-Qorti qeghda permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qeghda tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rudolph Gatt u ta' Rebecca Borg u ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fl-istess artikolu 412C(3) u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**